MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Numru 1/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**vs**

**Oliver Micallef,**
**Robert Mario Spiteri**
**u**
**Joseph Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati:

Oliver Micallef ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Alfred u Pauline nee` Azzopardi, imwieled ir-Rabat, Ghawdex u residenti gewwa l-fond “*Maple Leaf*”, Triq Felic Grech, l-

Gharb, Ghawdex, u li huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 17886(M);

Robert Mario Spiteri ta' tmienja u ghoxrin (28) sena, iben Mario u Anna Maria nee` Bartolo, imwieled Pieta` nhar il-15 t'April ta' l-1981 u residenti gewwa l-fond numru 4, *"Oleanders",* Misrah Gwanni Pawlu II, Attard, u li huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 193881(M);

u

Joseph Pace ta' tmienja u erbghin (48) sena, iben Emanuel u Carmen nee` Mifsud, imwieled Pieta` nhar il-21 ta' Jannar ta' l-1961 u residenti gewwa l-fond *"Mistletoe",* Triq ir-Ratal, Swieqi, u li huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 175161(M);

Billi l-imputati Oliver Micallef u Robert Mario Spiteri akkuzati talli f'San Giljan, fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Marzu tas-sena 2009:

1) Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Trevor Ciangura mar-Rabat (Malta), f'periklu car, hebbew ghalih u kkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu u cioe` diversi feriti ta' natura hafifa skond ma ccertifikaw Dr. A. Bonello MD mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana kif ukoll Dr. Christian Zammit MD;

2) U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, bhala ufficjali pubblici, dolozament bi ksur tad-dmirijiet taghhom, ghamlu jew naqsu li jaghmlu xi att b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

3) L-imputat Joseph Pace biss akkuzat talli b'abbuz ta awtorita` jew setgha, inkella ta istruzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew

assista lill-awturi ta’ dan id-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

4) U fl-ahharnett talli huma ilkoll akkuzati talli bhala ufficjali pubblici (membri tal-Korp tal-Pulizija) ghamlu reat meta kellhom jissorrveljaw sabiex dan ma jsirx jew li minhabba l-kariga taghhom kellhom id-dmir li jimpedixxu;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tal-parte civile, anke ghan-nom tal-prosekuzzjoni u lill-abbli rapprezentant legali tal-imputati;

Illi l-versjoni tal-prosekuzzjoni tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-parte civile, wara li kien gie allertat ghall-agressjoni sofferta minn habib minorenni tieghu ntervjena biex isib min kien responsabbli ghall-istess;

2. Illi meta mar jigri wara xi persuni li kienu gew identifikati lilhu bil-karozza tieghu, hu jsibhom hdejn il-knisja ta’ San Giljan fejn gie minnhom aggredit meta bdew iwaddbulu xi flixken;

3. Illi ghaldaqstant kellu jirtira minn dak il-post u rritorna b’velocita` fil-pjazza ta’ quddiem l-ghassa ta’ San Giljan;

4. Illi jsostni li hemm stess gie aggredit mill-pulizija imputati Micallef u Spiteri; gie minnhom imdahhal l-ghassa ta’ San Giljan, u hemm detenut;

5. Illi l-istess parte civile jsostni b’sahha li hemm gie fizikament aggredit mill-imsemmija imputati wara li gew mghemmza mill-imputat l-iehor Pace, fejn

allegatament imbuttawh, waqqghuh, tawh bis-sieq u eventwalment anke inutilment sakkruh go cella;

6. Illi wara hin konsiderevoli hekk ristrett, gie hu l-parte civile fl-imsemmija ghassa li minhabba li hu membru tal-Korp tal-Pulizija rnexxielu jikkalma s-sitwazzjoni bil-konsegwenza li l-parte civile gie rilaxxat;

7. Illi jsostni li c-certifikati medici minnhu pprezentati, flimkien mar-ritratti prodotti, jissuffragaw dan kollu;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-imputati tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi wiehed mill-imputati kien qed jeskorta habib tal-parte civile li kien gie aggredit u dan, bil-ghan li jinstab min kien responsabbli;

2. Illi wara li t-tfitxijiet inizjali kienu inutili, jirrizulta li dahal fl-istorja l-parte civile li gie lilhu ndikat persuna allegatament involut u mar jigri warajh bil-karozza;

3. Illi wara xi hin, dan il-parte civile nizel fil-pjazza ta’ quddiem l-ghassa ta’ San Giljan b’velocita` qawwija u kien innotat johrog u jaggredixxi vjolentement persuna ohra;

4. Illi l-imputati Micallef u Spiteri raw din l-aggressjoni u mill-ewwel intervjenew biex irazznuha bil-konsegwenza li peress li l-parte civile kien vjolentement relicenti, huma kellhom juzaw il-forza biex iwaqqfuh;

5. Illi l-komportament tal-parte civile baqa’ jaggrava anke meta ddahhal fl-imsemmija ghassa bil-konsegwenza li f’kollutazzjoni minnhom anke` twaqqa’ mal-art;

6. Illi ovvjament l-istess parte civile la irrisparmja l-volum ta’ lehnu tul dan l-incident, lanqas qaghad attent ghall-vokabularju li uza fil-konfront tal-ufficjali nvoluti;

7. Illi l-intervent tal-imputat Pace kien limitat ghall-fatt li mar jghin lill-parte civile jitqajjem mill-art u minhabba l-aggressivita` immana tieghu tul dan l-incident, ta’ struzzjonijiet lis-subalterni tieghu biex idahhlu lill-dan il-parte civile fic-cella;

8. Illi meta aktar tard wasal l-ghassa de quo hu l-parte civile li kif diga` intqal hu membru wkoll tal-Korp tal-Pulizija, il-parte civile gie rilaxxat u thalla jitlaq mill-ghassa ma dan huh;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk din il-qorti hi rinfaccata b’zewg versjonijiet konfliggenti li oggettivament it-tnejn jistghu facilment jigu kkonsidrati veritjeri u ta’ min joqghod fuqhom;

Illi jibqa’ pero` l-fatt li fix-xhieda taghha s-Surgent 110 Scicluna xehedet bil-gurament fuq dettal li eventwalment gie negat minn hu l-parte civile, li kien l-istess parte civile li kien ikkawza din il-kommossjoni kollha u anke quddiemha nforma lill-huh li kien iddispjacieh;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti ma tqisx li l-prosekuzzjoni pprovat il-kaz taghha skont il-ligi stante li fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, hemm konflitt serju ta’ provi;

Illi konsegwentement ma ssibx lill-imputati Oliver Micallef u Robert Mario Spiteri hatja ta’ dawn iz-zewg imputazzjonijiet;

Illi rigward it-tielet (3) imputazzjoni, senjatament dik indirizzata fil-konfront tal-imputat Pace, din il-qorti ma jirrizultaliex li l-prosekuzzjoni pprovat din l-imputazzjoni u konsegwentement ma ssibx lill-imputat Jospeh Pace hati ta’ din l-imputazzjoni u minnha tilliberah;

Illi finalment, ghal dak li jirrigwarda r-raba’ (4) imputazzjoni, dik indirizzata fil-konfront tal-imputati kollha, stante li l-prosekuzzjoni naqset li tipprovaha, ma ssibx lill-imputati Oliver Micallef, Robert Mario Spiteri u Joseph Pace hatja ta’ din l-imputazzjoni, u minnha wkoll tilliberhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------